# Malta Pool Association

1989

# Stagun 2022/23

# Informazzjoni Generali

## Generali

Il-Malta Pool Association giet imwaqqfa f' Lulju tas-sena 1989 u hija rikonoxuta minn Sportsmalta, Kumitat Olimpiku Malti, European Eight Ball Pool Federation u World Eight Ball Pool Federation

Indirizz: P.O Box 13, Qawra

Tel. No: 79499117

Website:
www.maltapoolassociation.net

E-mail:
vincentdegiorgio@gmail.com

## SUMMARJU

Stagun 2022/23 1

Registrazzjonijiet Kampjonati u Hlas 2

Ranking Tournaments 3

International Rules Tournaments 4

Kampjonati Individwali 2023 5

Knockout, Christmas, Easter & Super Cups 6

Kampjonati Ewropej Malta 2023 7

Kampjonati Mondjali Marok 2023 8

28 ta' Gunju 2022 Newsletter 1

## Stagun 2022/23

Ghall-erba' u tlettin sena konsekuttiva l-Malta Pool Association hejjiet program ta' attivitajiet ghall-istagun li gej li ser jara l-bidu tieghu fil-25 ta' Lulju. L-applikazzjonijiet ghas-shubija fl-assocjazzjoni huma miftuha u ser jintlaghqu sa' mhux izjed tard mit– 18 ta' Novembru. Dawn jistghu jintbaghtu fl-indirizz tal-assocjazzjoni jew jigu prezentati, flimkien mar-registrazzjonijiet u formoli ohra, lis-segretarju tal-assocjazzjoni personalment fil– 5 ta' Ottubru, bejn is–7.30 pm u t-8.30 pm, gewwa l-Kazin Band San Gorg Martri, Qormi. Il-formola ta' shubija qeda tigi mehmuza ma' dan il-fuljett u l-hlas tal-istess shubija huwa ta' € 40. L-affiljazzjonijiet huma miftuha ghal kull club, bar jew kazini sahansitra dawk politici.

Fost diversi attivitajiet bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet maqsum f' erba divizjonijiet u ser jigu organizzati 8 ranking tournaments li minnhom ser jintghazlu t-timijiet li ser jirraprezentaw lil Malta fil-kampjonati Ewropej u Mondjali. Ghad-disa darba l-assocjazzjoni giet fdata biex torganizza l-kampjonati Ewropej gewwa pajjina li ser issiru bejn it-18 u l-25 ta' Frar 2023 gewwa d-Dolmen Hotel li tinsab f' San Pawl il-Bahar.

## Kumitat Ezekuttiv - Perjodu 2020/21 sa' 2022/23

L-assocjazzjoni hija mmexija minn kumitat li jigi elett demokratikament mill-membri tal-assocjazzjoni f' elezzjonijiet li jsiru kull tliet snin

| | | |
|---|---|---|
| President: | Charlie Cilia | Tel: 79490206 |
| Vici President: | Charles Peresso | Tel: 77657756 |
| Segretarju: | Vincent Degiorgio | Tel: 79499117 |
| Tezorier: | Pasquale Sciberras | |
| Membri: | Brian Grech, Lothar Mallia, Noel Cassar u Mario Spiteri | |

# REGISTRAZZJONI TA' TIMIJIET U PLAYERS

Il-program ta' attivitajiet tat-timijiet f' dan l-istagun jinkludi l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet, maqsuma f' erba divizjonijiet, zewg kompetizzjonijiet knockout, riservati ghall-kategoriji differenti, kompetizzjonijiet tal-Milied u l-Ghid il-Kbir, kif ukoll Super Cup.

Ma' dan il-pakett ghandek issib il-formola tal-affiljazzjoni kif ukoll formoli tar-registrazzjonijiet tal-players u formoli necessarji ohra. Il-formoli kollha ghandhom jigu ritornati lis-segretarju tal-assocjazzjoni, flimkien mal-hlas, fl-indirizz P.O Box 13, Qawra, sa' mhux izjed tard mil– 5 ta' Ottubru 2022. Fl-istess data tal-gheluq is-segretarju tal-assocjazzjoni ser ikun gewwa Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn is-7.30 pm u t-8.30 pm biex jilqgha dawn ir-registrazzjonijiet, formoli u l-hlas rispettiv.

Kull player ghandu jimla formola tar-registrazzjoni ghal dan l-istagun. Players li qatt ma laghbu f' kampjonati tal-assocjazzjoni jridu jipprovdu kopja tal-ID Card tal-gvern minn quddiem u wara. Dawn ghandhom jigu mehmuza mal-formola tar-registrazzjoni. Players ta' cittadinanza barranija jridu jipprovdu kopja tal-passaport. Kull club jista' jirregistra aktar minn tim wiehed fil-kampjonati kif ukoll numru ta' players kemm irrid.

<u>Perjodi ta' registrazzjonijiet godda :</u>

Perjodu 1 - 01/07/22 sal-05/10/22 - **€ 12**

Perjodu 2 - 01/11/22 sas-16/12/22 - **€ 15**

Perjodu 3 - 06/03/23 sal-10/03/23 - **€ 15**

<u>Perjodi ohra ta' registrazzjonijiet godda :</u>

Perjodu 4 - 17/12/22 sat-03/03/23 - **€ 25**

Perjodu 5 - 13/03/23 sal-14/04/23 - **€ 35**

<u>Perjodu ta' trasferimenti bejn clubs differenti:</u>

Minn 05/12/22 sat-03/03/23 - **€ 100**

<u>Perjodu ta' trasferimenti bejn timijiet fl-istess club:</u>

Minn 05/12/22 sat-03/03/23 - **€ 25**

## HLAS

Il-hlas, <u>ghal kull team,</u> ghall-kampjonati nazzjonali tat-timjiet ghandu jkun kif gej:

€ 55 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet <u>JEW</u>

€ 110 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet, Knockout, Christmas Cup u Easter Cup

€ 12 Ghal kull player registrat

€ 70 Depozitu ghal kull club (Dan jinghata lura fil-bidu tal-istagun segwenti)

**<u>Timijiet godda u dawk li jilaghbu fl-anqas divizjoni jaghzlu preferenza ta' hlas kif gej:</u>**

€ 100 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati nazzjonali tat-timijiet. <u>JEW</u>

€ 140 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati tat-timijiet, knockout, kompetizzjoni tal-Milied u dik tal-Ghid il-Kbir.

Registrazzjonijiet ta' aktar players jistghu jsiru ghal hlas addizjonali ta' €12 ghal kull registrazzjoni.

# PREMJIJIET - Kampjonati tat-Timijiet

| | | |
|---|---|---|
| **Kampjonati Premier** | **1) € 750** | **2) € 250** |
| **L-Ewwel Divizjoni** | **1) € 450** | **2) € 150** |
| **Tieni Divizjoni** | **1) € 300** | **2) € 100** |
| **Tielet Divizjoni** | **1) € 225** | **2) € 75** |

**+**



**€ 2,300**

# Ranking Tournaments

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

L-assocjazzjoni hejjiet program impenjattiv ta' Ranking Tournaments. F' dan l-istagun ser jigu organizzati 8 'Ranking Tournaments' ghal kategoriji tal-Irgiel, Under 18's, Under 23's, Over 50's u Over 60's. It-'tournaments' tal-irgiel, Under 23's, Over 50's u Over 60's ser ikunu miftuha ghall-players li ser jigu registrati fit-timijiet li ser jiehdu sehem fil-kampjonati tat-timijiet filwaqt li t-'Tournaments' Under 18 ser ikunu miftuha ghal kull player. It- 'tournaments' taz-zghazagh U/18 u U/23 ser ikun miftuha ghall-players li ma jkunux ghalqu t- tminttax u t-tlieta u ghoxrin sena sal-ahhar ta' Dicembru 2022. Participanti fil-kategorija O/50's u O/60's iridu jkunu ghalqu z-zmien rispetiv ta' 50 u 60 sena sal – 31 ta' Dicembru 2022.

L-ewwel erba tournaments ta' kull kategorija, maghrufa bhala Euro Ranking Tournaments, ser isservu bhala kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej. Kull player rebbieh tal-Euro Ranking Tournaments, fil-kategorij tal-Irgiel, Under 18's, Under 23's u Over 50's ma jkomplix jiehu sehem fl-istess Euro Tournaments u jikkwalifika diretament fit-Tim nazzjonali rispettiv li jkun ser jippartecipa fil-kampjonati Ewropej. Fit-tmiem tal-Euro Tournaments it-total ta' punti miksuba minn kull player jiddetermina l-ghazliet tat-timiijiet nazzjonali.

Fil-bidu tal-erba' World Ranking Tournaments il-players kollha jibdew minghajr punti u tinzamm klassifika separata li fl-ahhar tar-raba' World Ranking Tournament tiddetermina l-ghazliet tat-timijiet nazzjonali li ser jirraprezentaw lil Malta fil-kampjonati mondjali. Kull player rebbieh tal-World Ranking Tournaments, fil-kategoriji tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's ma jkomplix jiehu sehem fl-istess World Tournaments u jikkwalifika diretament fit-tim nazzjonali rispettiv.

Players li jaghtu 'Walkovers' jitilfu l-punti kollha miksuba fl-istess tournament.

Fl-Euro Ranking Tournaments kull player jista' jilghab f' kategorija wahda biss filwaqt li fil-World Ranking Tournaments il-players tal-kategorija Under 18's jistghu jipparticipaw fil-kategorija Under 23's filwaqt li l-Over 60's jistghu jiehdu sehem fil-kategorija Over 50's.

Il-players kollha li ser jirregistraw fil-Euro Ranking Tournaments ghandhom ikunu registrati mat-timijiet membri fl-assocjazzjoni. F' kaz li players ma jirregistrawx ma' tim sal– 5 ta' Ottubru dawn jigu kancellati mit-tournaments u jitilfu kull dritt li jkunu kisbu sal-istess data.

<u>Seedings f' kull tournament:</u>

Kategorija Irgiel - 8 players, Under 23's - 2 players, Under 18's - 2 players, Over 50's - 4 players, Over 60's - 2 players

<u>Kalendarju:</u>

Euro Tournament 1 - 25/07/22 sal– 05/08/22

Euro Tournament 2 - 29/08/22 sad– 09/09/22

Euro Tournament 3 - 19/09/22 sat– 30/09/22

Euro Tournament 4 - 02/11/22 sas- 17/11/22

World Tournament 1 - 21/11/22 sas– 06/12/22

World Tournament 2 - 15/12/22 sat-30/12/22

World Tournament 3 - 13/02/23 sas-17/02/23

World Tournament 4 - 06/03/23 sas- 17/03/23

## EURO RANKING TOURNAMENTS NO. 1

L-ewwel serje ta' 'Ranking Tournaments' ser tintlaghab bejn il– 25 ta' Lulju u l-5 ta' Awissu. Ir-registrazzjonijiet huma miftuha u ser jigu milqugha sa' mhux izjed tard mis– 16 ta' Lulju. Players interessati ghandhom jirregistraw fuq il-formula eletronika minn fuq il-Pagna Facebook b' isem Malta Pool Association jew permezz tas-sitt eletroniku www.maltapoolassociation.net. Il-poloz ser jittellghu fit– 19 ta' Lulju gewwa Kazin Band San Gorg, Qormi fis-7.00 pm u jigu publikati fuq is-sit u pagna ta' 'Facebook' tal-assocjazzjoni. L-assocjazzjoni tinforma li l-hlas tat-tournaments kollha jrid issir mar-registrazzjoni permess ta' Revolut jew BOV Mobile App fuq 79499117. L-ebda entratura minghajr hlas immedjat ma ser tigi accettata.

## HLAS - RANKING TOURNAMENTS (Under 18's bla hlas)

DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - € 15 Hlas ghandu jsir b' Revolut jew BOV Mobile App

DHUL GHAL TMIEN TOURNAMENTS - € 100 Hlas ghandu jsir f' daqqa b' Revolut jew BOV APP

PLAYERS LI MA JHALLSUX MAR-REGISTRAZZJONI MA JIGUX INKULZI FIL-POLZA

# INTERNATIONAL RULES SERIES

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

L-assocjazzjoni ser torganizza erba serje ta' tournaments li ser jintlaghbu bir-regolamenti 'International Rules' jew kif kienu maghrufa aktar qabel bhala 'Supreme Rules'. F' dawn it-tournaments ser ikunu elegibli li jiehdu sehem 48 player biss u ser ikun miftuha ghal kull kategorija. Il-format ta' kull tournament ser ikun ta' knockout. Madankollu il-players li jigu eliminati fl-ewwel u t-tieni fazi ikollhom it-tieni opportunita biex jikkwalifikaw u jkomplu jippartecipaw fl-istess tournament fil-fazi tal-ahhar 32 player.

L-erba' rebbieha ta' kull tournament jiltaqghu fi 'playoffs', f' format ta' semi finali, biex jigi determinat ir-rebbieh finali tas-serje ta' tournaments. Ir-rebbieh finali jirbah participazzjoni f' avvenimenti internazzjonali li jigu organizzatti f' erba perjodi matul is-sena 2023. L-assocjazzjoni ser tkopri l-ispejjes involuti tal-ivjaggar bl-ajru, akkomodazzjoni u hlas tal-participazzjoni fit-tournaments internazzjonali.

Ir-rebbieh finali jista jaghzel bejn il-partecipazzjoni internazzjonli jew premju ta' €1,800.

Il-loghob kollu ser jintlaghab fost il-gimgha gewwa St. George's Band Club, Qormi. Il-finali ser tigi 'live streamed' u ser tintuza teknologija gdida simili ghal dik ta' Ultimate Pro Series.

Tournament 1 - 22/08/22 sas- 26/08/22

Tournament 2 - 12/09/22 sas- 16/09/22

Tournament 3 - 03/10/22 sas- 07/10/22

Tournament 4 - 13/12/22 sat- 16/12/22

## HLAS - INTERNATIONAL RULES TOURNAMENTS

| PLAYERS REGISTRATI FL-ASSOCJAZZJONI | | PLAYERS MHUX REGISTRATI FL-ASSOCJAZZJONI | |
|---|---|---|---|
| DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - | € 20 | DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - | € 30 |
| DHUL GHAL ERBA' TOURNAMENTS - | € 60 | DHUL GHAL ERBA' TOURNAMENTS - | € 100 |

IL-HLAS KOLLU GHANDU JSIR MAR-REGISTRAZZJONI PERMEZZ TA' REVOLUT JEW BOV MOBILE APP FUQ 79499117. L-EBDA REGISTRAZZJONI MA SER TIGI MILQUGHA MINGHAJR HLAS.

**Il-players telliefa fl-ewwel u t-tieni fazi f' kull tournament ihalsu €5 ta' darba biss biex ikomplu jilghabu fil-kwalifikazzjoni li terga taghti l-opportunita biex jikkwalifikaw ghal fazi tal-ahhar 32 player. Minn din il-fazi l-quddiem ma jkunx hemm aktar hlas.**

**Dan il-hlas ghandu jsir qabel tibda l-loghba.**

# KAMPJONATI NAZZJONALI INDIVIDWALI

Il-kampjonati nazzjonali ndividwali Cisk tal-irgiel ser issiru gewwa l-Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn l– 4 ta' Jannar u l– 1 ta' Marzu 2023. L-avveniment ser jintlaghab nhar ta' Erbgha u ser jinkludi massimu ta' 48 player li jintaghzlu kif gej:

- L-erba' rebbieha tal-Euro Ranking Tournaments fil-kategorija tal-irgiel kif ukoll l-ewwel sitta u ghoxrin player fil-klassifika ta' punti tal-kategorija tal-irgiel fi tmiem ir-raba Euro Ranking Tournament
- L-erba' rebbieha tal-Euro Ranking Tournaments fil-kategorija tal-Under 23's.
- L-erba' rebbieha tal-Euro Ranking Tournaments fil-kategorija tal-Under 18's.
- L-erba' rebbieha tal-Euro Ranking Tournaments fil-kategorija tal-Over 50's kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika ta' punti tal-kategorija tal-Over 50's fi tmiem ir-raba Euro Ranking Tournament
- L-ewwel erba' players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Over 60's fi tmiem ir-raba Euro Ranking Tournament.

F' kaz li players minn kategoriji, ghajr dawk tal-irgiel, jirrifjutaw li jiehdu sehem l-ewwel prijorita biex jimlew il-postijiet vakanti tinghata lil players mill-kategorija tal-irgiel.

**€ 1,000**

Fl-ewwel fazi l-players jitqasmu fi tmien gruppi ta' sitt players u jintlaghab format ta' 'league'. Ir-rebbieha tal-gruppi jikkwalifikaw direttament mal-ahhar sittax filwaqt li l-players klassifikati fit-tieni u tielet post jikkwalifikaw ghal 'Playoff'. F' kaz li zewg players jew aktar jispiccaw b' punti ndaqs jigi kunsidrat il-konfront dirett. F' kaz ta' parita jigi kunsidrat t-total ta' frames mirbuha fil-loghob kollu tal-istess grupp u jekk dan ma jkunx bizzejjed jitqies id-differenza bejn il-frames mirbuha u mitlufa.

Il-hlas ghad-dhul ta' dawn il-kampjonati ser ikun ta' €25 ghal kull player. Ir-rebbieh tal-kampjonati jigi dikjarat champion nazzjonali, jirbah post fit-tim nazzjonali tal-kampjonati mondjali, tal-kategorija li jkun qieghed jilghab fijha u jirbah premju ta' €1,000 u trofej filwaqt li l-finalist jirbah trofej.

Il-poloz tal-gruppi ser jinkludu sistema ta' 'seedings' li tinkludi l-ewwel tmien players fi tmiem l-ewwel World Ranking Tournament.

**Website:** www.maltapoolassociation.net

**Facebook Page:** Malta Pool Association

Like us on Facebook

# KNOCKOUT TAT-TIMIJIET

# PREMJIJIET TOTALI

**€ 1,200**

Bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza zewg 'knockouts' ghat-timijiet wahda riservata ghat-timijiet li jilghabu fil-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni u ohra li tinkludi t-timijiet tat-Tieni u Tielet Divizjoni.

Il-loghob kollu jintlaghab fuq zewg 'legs' Home u Away barra l-finali li jintlaghbu f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni.

Il-kompetizzjonijiet ser jibdew fl– 1 ta' Novembru bil-finali jintlaghbu bejn it-29 ta' Novembru u t-2 ta' Dicembru. Il-poloz ser jittellghu fil– 15 ta' Ottubru.

It-timijiet rebbieha ta' kull kompetizzjoni 'knockout' jirbhu € 400 kull wiehed filwaqt li t-timijiet telliefa fil-finali jirbu € 200 kull wiehed.

## CHRISTMAS CUP

Il-kompetizzjoni tal-Milied, riservata ghat-timijiet, tintlaghab fix-xahar ta' Dicembru fuq bazi ta' 'knockout' bil-loghob kollu jintlaghab fuq imwejjed newtrali, maghzula mill-assocjazzjoni, gewwa clubs li jkunu qedin jippartecipaw fl-istess kompetizzjoni. Kull club jista' jdahhal tim wiehed biss u jista' jaghmel uzu mill-players kollha registrati fil-club tieghu fil-bidu tal-istagun. L-ebda tim ma huwa ser jigi 'seeded' f' din il-kompetizzjoni. Il-loghob ta' din il-kompetizzjoni huwa pjanat li jsir bejn is-9 u 30 ta' Dicembru 2022.

## EASTER CUP

Il-kompetizzjoni ta' l-Ghid il-Kbir ser tintlaghab fix-xhur ta' Marzu u April. Din il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' zewg kategoriji bl-ewwel kategorija tinkludi timijiet tal-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni filwaqt li l-kategorija l-ohra tkun komposta minn timijiet tat-Tieni u t-Tielet Divizjonijiet. Il-loghob kollu jintlaghab f' postijiet newtrali filwaqt li l-ebda tim ma huwa ser jigi 'seeded'. Il-loghob kollu huwa pjanat li jsir bejn l-14 ta' Marzu u s-6 ta' April 2023.

## SUPER CUP

Is-Super Cup tlaqqa r-rebbieha tal-kampjonati Premier u r-rebbieha tal-kompetizzjoni 'Knockout' riservata ghat-timijiet Premier u l-Ewwel Divizjoni. F' kaz li l-istess tim jirbah iz-zewg unuri t-tim li jispicca fit-tieni post tal-kampjonati Premier jirbha il-post fil-finali ta' din il-kompetizzjoni. Id-data ta' din il-finali ser tithabbar izjed tard.

EUROPEAN
EIGHT BALL POOL
CHAMPIONSHIPS
MALTA 2023

Il-kampjonati Ewropej 2023 ser issiru gewwa Malta, fid-Dolmen Hotel Qawra, bejn it-18 u l-25 ta' Frar. L-assocjazzjoni ser tkun qeda tospita dawn il-kampjonati ghad-disa darba u ghaldarba ohra ser toffri opportunita lil diversi players ta' kull kategorija biex jiksbu esperjenza internazzjonali. Il-metodu tal-ghazla tat-timijiet nazzjonali ser tkun kif indikat hawn taht:

<u>Tim A tal-Irgiel:</u> Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments, Dejan Grech bhal champion Ewropej, kif ukoll l-ewwel player fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-irgiel fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim B tal-Irgiel:</u> Il-players bejn it-tieni u s-seba post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-irgiel fi tmiem l-Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim C tal-Irgiel:</u> Il-players bejn it-tmien u t-tlettax –il post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-irgiel fi tmiem l-Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim A Under 23:</u> Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim B Under 23:</u> Il-players bejn l-ewwel u r-raba post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-kategorija Under 23's fi tmiem l- Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim A Under 18:</u> Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim B Under 18:</u> Il-players bejn l-ewwel u r-raba post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-kategorija Under 18's fi tmiem l- Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim A Over 50:</u> Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-istess kategorija fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim B Over 50:</u> Il-players bejn it-tielet u t-tmien post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali fil-kategorija Over 50's fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments.

<u>Tim Over 60:</u> Il-players bejn l-ewwel u t-tielet post fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali fil-kategorija Over 60's fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments

L-assocjazzjoni tiggarantixxi l-hlas kollu lill-players tat-timijiet kollha msemmija hawn fuq. Dan jinkludi akkommodazzjoni nkluz breakfast u l-ikla ta' filghaxija, hlas tal-entratura tal-kompetizzjonijiet individwali tal-kategorija rispetiva, kif ukoll il-hlas tal-ikla tal-prezentazzjoni.

DOLMEN
HOTEL ~ MALTA

# KAMPJONATI MONDJALI 2023

## AGADIR - MOROCCO

L-assocjazzjoni tikkonferma li Malta ser tiehu sehem fil-kampjonati mondjali 2023 li ser issiru gewwa Agadir, il-Marok, bejn is-27 ta' Mejju u s-7 ta' Gunju. Malta ser tkun rapprezentata bi 3 timijiet fil-kategoriji tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's. L-ghazla tat-timijet ser issir kif jidher hawn taht:

<u>Tim tal-Irgiel:</u> L-erba' rebbieha tal-World Ranking Tournaments, rebbieh tal-kampjonati nazzjonali ndividwali u l-ewwel tliet players fil-klassifika ta' punti tar-rankings nazzjonali tal-kategorija tal-irgiel fi tmiem il-World Ranking Tournaments.

<u>Tim Under 23's:</u> L-erba' rebbieha tal-World Ranking Tournaments fil-kategorija Under 23's.

<u>Tim Over 50's:</u> L-erba' rebbieha tal-World Ranking Tournaments u l-ewwel zewg players fil-klassifika ta' punti tar-rankings nazzjonali tal-kategorija Over 50's fi tmiem il- World Ranking Tournaments.

L-assocjazzjoni tiggarantixxi l-hlas kollu lill-players tat-timijiet kollha msemmija hawn fuq. Dan jinkludi akkommodazzjoni nkluz breakfast fil-lukanda principali fejn ser issiru l-kampjonati, hlas tal-entratura tal-kompetizzjonijiet individwali tal-kategorija rispetiva, kif ukoll il-hlas tal-ikla tal-prezentazzjoni.








FOR SALE - CONTACT 79499117


# AKADEMJA GHAZ-ZGHAZAGH

L-assocjazzjoni ser torganizza akademja ghaz-zghazagh ta' taht it-tmintax –il sena. It-tahrig, li ser jigi immexxi minn Dejan Grech, champion renjanti tal-Ewropa, ser issir gewwa l-kazin tal-banda San Gorg Qormi u ser ikun imqassam fuq 10 sezzjonijiet ta' 90 minuta –il wahda. Is-sezzjonijiet kollha ser jinzammu nhar ta' Sibt bejn id-9.30 u 11.00 ta' filghodu fis-sala tal-assocjazzjoni li hija mghamra bl-arja kundizzjonata bl-ewwel sezzjoni pjanata li tibda fit-23 ta' Lulju.



**Hlas - € 75 ghal 10 sezzjonijiet jew € 10 kull sezzjoni**